

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

3. **ikomplu jikkoperaw mill-qrib u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jeqirdu l-ostakli li, direttament jew indirettament, ixekklu l-mobilità taċ-ċittadini ta' l-UE;**
4. **jipprovdu għajnuna xierqa u infrastrutturi adattati għall-mobilità għal skopijiet ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jittjiebu l-livelli ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ taċ-ċittadini tagħhom;**
5. **jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jippromwovu l-mobilità, biex jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha tkun tinftiehem faċilment u tkun aċċessibbli għal kulħadd, pereżempju permezz ta' gwida introdutturja għall-mobilità jew lista ta' organizzazzjonijiet li joffru għajnuna, u biex itejbu l-kundizzjonijiet għall-mobilità.**

B'DAN JISTIEDNU l-Kummissjoni:

1. **biex thegħġegħ l-użu tal-Karta mill-Aġenziji Nazżjonali u minn organizzazzjonijiet oħrajn li jaħdmu fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni u l-mobilità;**
2. biex tkompli tikkopera ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, sabiex informazzjoni u esperjenza utli li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-miżuri pproklamati f'din ir-Rakkomandazzjoni jistgħu jkunu skambjati;
3. **biex titjeb jew tiġi żviluppata b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet rilevanti id-dejta statistika speċifika fuq is-sessi dwar il-mobilità għall-skopijiet ta' edukazzjoni u taħriġ;**
4. biex tikkunsidra li r-Rakkomandazzjoni preżenti tiffirma ħaġa sħiħa mar-Rakkomandazzjoni 2001/613/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għalhekk tinkludi r-rapporti mitluba ta' kull sentejn fir-rapporti ġenerali tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010".

Magħmula fi, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

KARTA EWROPEA TA' KWALITÀ FAVUR IL-MOBILTÀ

INTRODUZZJONI:

Imsaħħa mill-Pjan ta' Azzjoni favur il-Mobilità ta' l-2000⁽¹⁾ u mir-Rakkomandazzjoni 2001/613/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-10 ta' Lulju 2001 dwar il-mobilità fi ħdan il-Komunità għal studenti, persuni li qed jitħarġu, voluntieri, għalliema u harreġa⁽²⁾, il-mobilità minn dejjem kienet ta' interess konsiderevoli għall-partijiet interessati. Dik ir-Rakkomandazzjoni kellha ambitu wiesgħa, indirzzat firxa ta' kwistjonijiet importanti assoċjati mal-mobilità u kienet immirata lejn kulmin seta' jibbenefika minn perjodu ta' taġlim barra pajiżu (formali jew mhux formali); inklużi istudenti, għalliema, harreġa, voluntieri u persuni li qed jitħarġu. Ir-Rakkomandazzjoni 2006/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar mobilità transnazzjonali fil-Komunità għal skopijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' kwalità favur il-Mobbiltà, li tagħha din il-Karta tikkostitwixxi parti integrali, għandha l-istess ambitu iżda tiffoka fuq l-aspetti kwalitattivi tal-mobilità, kif proposti mill-grupp ta' esperti stabbilit wara l-ewwel Rakkomandazzjoni. Hi **għandha** tgħin biex ikun żgurat li l-parteċipanti jkollhom esperjenza pożittiva, kemm fil-pajjiż ospitanti kif ukoll fil-pajjiż ta' oriġini meta huma jirritornaw lura.

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħa fil-Kunsill, ta' l-14 ta' Diċembru 2000, dwar pjan ta' azzjoni favur il-mobilità (ĠU C 371, 23.12.2000, p. 4).

⁽²⁾ ĠU L 215, 9.8.2001, p. 30.

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

Din il-Karta tiddefinixxi sett ta' linji gwida applikabbli għall-mobilità assunta minn persuni individwali żgħażaġh jew adulti, għal skopijiet ta' taġlim formali jew mhux formali u għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. Kienet imfassla bħala dokument bażiku ta' referenza **li jqis is-sitwazzjonijiet nazzjonali u jirrispetta l-kompetenzi ta' l-Istati Membri**. Il-kontenut jista' jkun adattat skond it-tul ta' żmien tal-mobilità u l-ispeċifikazzjonijiet tad-diversi attivitajiet edukattivi, ta' taħriġ u taż-żgħażaġh kif ukoll il-bżonnijiet tal-parteċipanti. Għalkemm primarjament hi tindirizza l-mobilità għal skopijiet ta' taġlim, jinħass li **din il-linja gwida kwalitattiva tista' tkun** utli wkoll għal tipi oħra ta' mobilità, notevolment il-mobilità professjonali.

1. Gwida u informazzjoni

Il-kandidati b'potenzjal għal mobilità għandu jkollhom aċċess għal sorsi ta' gwida u informazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqhom dwar l-oportunitajiet għal mobilità u l-kondizzjonijiet li fihom din tista' titwettaq. **Fost affarijiet oħra, għandha tiġi provduta informazzjoni ċara fuq is-sett kollu ta' linji gwida li hemm fil-Karta favur il-Mobilità, dwar l-irwol u l-ħidmiet ta' l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u jospitaw, u rigward is-sistemi varji ta' edukazzjoni u taħriġ.**

2. Pjan ta' taġlim

Qabel ma jkun assunt kull tip ta' mobilità għal skopijiet edukattivi jew ta' taħriġ, pjan ta' taġlim **bil-kunsiderazzjoni tat-tħejija lingwistika**, għandu jkun imfassal u aċċettat minn kulmin hu involut, inklużi l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u jospitaw u l-parteċipanti. **Pjan ta' taġlim huwa partikolarment importanti fil-każ ta' mobilità fuq tul ta' żmien twil u jista' jkun utli wkoll għal dak ta' mobilità fuq tul ta' żmien qasir.** Il-pjan għandu jfassal l-oġettivi u r-riżultati ta' taġlim mistennija, kif ukoll il-mod kif dawn jistgħu jinkisbu u jiġu implimentati. **Kull modifika sinifikanti tal-pjan ta' taġlim għandu jiġi aċċettat mill-partijiet kollha. Meta jitfassal il-pjan ta' taġlim, għandhom jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet ta' re-integrazzjoni fl-art tat-twelid u l-evalwazzjoni.**

3. Personalizzazzjoni

Il-mobilità assunta għal skopijiet edukattivi jew ta' taħriġ għandha tiffittja kemm jista' jkun possibbli max-xejriet personali ta' taġlim, kapaċitajiet u motivazzjoni tal-parteċipanti, u **għandha** tiżviluppa jew tissupplimentahom.

4. Preparazzjoni ġenerali

Preparazzjoni minn qabel tal-parteċipanti hi **rakkomandata**, u għandha tkun imfassla għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom. Din għandha tinkludi l-aspetti lingwistiċi, pedagoġiċi, prattiċi, amministrattivi, legali, personali u kulturali, u **informazzjoni dwar aspetti** finanzjarji, kif meħtieġ.

5. Aspetti lingwistiċi

Il-kapaċitajiet lingwistiċi huma **importanti** għal taġlim effettiv, **għal komunikazzjoni bejn il-kulturi u għal fehim aħjar tal-kultura tal-pajjiż ospitant**. Il-parteċipanti, u l-istituzzjonijiet li jibagħtuhom u jospitawhom, għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-preparazzjoni lingwistika **xierqa. Kull fejn hu possibbli**, l-arranġamenti għall-mobilità għandhom jinkludu:

- qabel it-tluq, l-assessjar tal-lingwa u l-oportunità li jkunu segwiti korsijiet fil-lingwa tal-pajjiż ospitanti **u/jew** fil-lingwa li biha jsir it-taġlim, jekk differenti;
- fil-pajjiż ospitanti, għajnuna lingwistika u pariri.

6. Għajnuna loġistika

Kull fejn hu neċessarju, għajnuna loġistika adegwata għandha tkun ipprovduta lill-parteċipanti. Din tista' tinkludi informazzjoni u assistenza **li tikkonċerna** arranġamenti ta' l-ivvjaġġar, l-assigurazzjoni, il-permessi għar-residenza jew ix-xogħol, is-sigurtà soċjali, **il-possibilità li jsiru trasferimenti ta' għotjiet u self tal-gvern mill-pajjiżi ta' l-orijini għall-pajjiż ospitant**, l-akkomodazzjoni, u aspetti prattiċi oħra inklużi l-kwistjonijiet ta' sigurtà rilevanti għaż-żjara tagħhom, **fejn hu xieraq.**

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

7. Servizz ta' parrinu

L-organizzazzjoni ospitanti (l-istabbiliment edukattiv, l-organizzazzjoni taż-żgħażaġh, il-kumpanija, eċċ.) għandhom jipprovdu **skemi bħal tagħlim biex jingħataw pariri** lill-parteċipanti **u tingħata għajjnuna** fl-integrazzjoni effettiva tagħhom fl-ambjent ospitanti, **kif ukoll** iservu ta' **punt** ta' kuntatt biex jakkwistaw assistenza **kontinwa**.

8. Għarfien

Jekk perjodu ta' studju jew apprendistat barra l-pajjiż ikun parti integrali ta' programm formali ta' studju jew taħriġ, dan il-fatt għandu jkun iddikjarat fil-pjan ta' tagħlim, u l-parteċipanti għandhom ikunu pprovduti bl-assistenza biex **jitħaffu** l-għarfien u ċ-ċertifikazzjoni, **fejn hu xieraq. Fil-pjan ta' tagħlim, l-organizzazzjoni li tibgħat għandha tieħu r-responsabilità li tagħraf perjodi ta' mobilità tajbin.** Għal tipi oħra ta' mobilità, u b'mod partikolari dawk fil-kuntest ta' edukazzjoni jew taħriġ mhux formali, **dokument xieraq** għandu jkun maħruġ sabiex il-parteċipant ikun jista' juri l-parteċipazzjoni attiva tiegħu u r-riżultati tat-tagħlim b'mod sodisfaċenti u kredibbli. **F'dan il-kuntest, l-użu ta' l-'Europass' ⁽¹⁾ għandu jkun inkoraġġit.**

9. Integrazzjoni mill-ġdid u evalwazzjoni

Meta jirritornaw lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini, **b'mod partikolari wara mobilità fuq tul ta' żmien twil**, il-parteċipanti għandhom jingħataw iggwidar dwar kif jagħmlu użu mill-kompetenzi u l-kapaċitajiet akkwistati matul iż-żjara **Fejn hu neċessarju**, għajjnuna għall-integrazzjoni mill-ġdid fl-ambjent soċjali, edukattiv jew professjonali tal-pajjiż ta' oriġini għandha **ssir** disponibbli għal persuni li jirritornaw lura wara **mobilità** għal tul twil ta' żmien. L-esperjenza akkwistata għandha tkun evalwata b'mod adatt mill-parteċipanti, flimkien ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli, biex ikun assessjat jekk l-għanijiet tal-programm ta' tagħlim kinux milħuqa.

10. Impenji u responsabbiltajiet

Ir-responsabbiltajiet li jirriżultaw minn dawn il-kriterji kwalitattivi għandhom **ikunu mifthemmin mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jospitaw u mill-parteċipanti.** Dawn għandhom **preferibbilment** ikunu konfermati bil-miktub, sabiex ir-responsabbiltajiet ikunu ċari għal dawk kollha involuti.

⁽¹⁾ Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħ-dieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

P6_TA(2006)0365

Kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (COM(2005)0548 — C6-0375/2005 — 2005/0221(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0548) ⁽¹⁾,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 149(4) u 150(4) tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0375/2005),

⁽¹⁾ Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.